MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Numru. 3/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Mark Lawrence Rizzo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mark Lawrence Rizzo**, ta' sitta u erbghin (46) sena, bin Emanuel u Doris Josephine neé Spiteri, imwieled l-Ingilterra fit-8 ta' Lulju 1965 u joqghod Kim Flats No. 6, Triq il-Misk, Fgura, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 216383(M) akkuzat talli fid-19 ta' Novembru 2011 ghal habta tal-5.30pm u hinijiet qabel fi Triq Haz-Zabbar, Rahal Gdid u f'dawn il-Gzejjer:

1. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeq haddiehor, mobbli jew immobli u cioé ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla King Long numru tar-registrazzjoni BUS 119 ghad-dannu tal-kumpanija ARRIVA/jew/u ta' persuni ohra, liema hsara tiskorri €1164.69;

2. fl-istess cirkustanzi saq vettura tal-ghamla Escort numru AND 700 b'manjiera bla kont u traskurata;

3. fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi ghamel lil John Abdilla mil-Fgura ngurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg aktar milli jmissu;

4. fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku;

5. fl-istess cirkustanzi hebb kontra John Abdilla biex jingurjah idejqu jew jaghmillu hsara kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali ta' Malta;

6. naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, Magistrat, Dr. Edwina Grima LL.D. b'digriet datat 18 t'Awwissu 2009 li permezz tieghu l-istess Mark Lawrence Rizzo nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest;

7. irrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat imsemmi, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 18 t'Awwissu 2009 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Mark Lawrence Rizzo kif ukoll, li tordna li s-somom ta' €10,000 bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex taghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur

il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta ta' John Abdilla u tapplika l-provvedimenti ta' Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "SZ 10" – *a fol.* 13).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 16).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

Semghet, fis-seduta tat-2 ta' Frar 2015, is-sottomissjonijiet finali *da parte* tal-Prosekuzzjoni (*a fol.* 123 *et seq.*).

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Frar 2015 (*a fol.* 122) fejn il-Qorti kkoncediet lid-difiza zmien sal-20 ta' Frar 2015 sabiex, jekk trid, tipprezenta s-sottomissjonijiet finali taghha bil-miktub.

Rat illi d-difiza baqghet ma pprezentat l-ebda Nota ta' Osservazzjonijiet minkejja li nghatat il-fakolta' li taghmel hekk.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Spiridione Zammit** (*a fol.* 17 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minn in segwitu ta' dak li kienu gew nfurmati bih il-*control room* fid-19 ta' Novembru 2011 li xufier tas-socjeta' ARRIVA kellu bzonn l-assistenza. Jghid li dan ix-xufier kien John Abdilla u jispjega dak li qal Abdilla u li allegatament ghamel l-imputat. Jixhed ukoll dwar dak li rrapporta l-imputat fir-rigward ta' Abdilla. Jghid li nterroga lill-imputat u ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "SZ 1" sa "SZ 7" (*a fol.* 20 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li rrizultalu li dakinhar tal-akkadut il-parti leza kien fuq ir-rotta fix-xarabank. Jghid li kemm il-parti leza u kif ukoll l-imputat nizlu mix-xarabank u mill-vettura rispettiva taghhom. Jghid li l-imputat qallu li t-tfajla li kellu mieghu kienet *pregnant* u li l-parti leza beda jimbuttaha.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Spiridione Zammit** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 57) fejn ezebixxa zewg sentenzi li gew immarkati bhala Dok. "SZ 8" u "SZ 9" (*a fol.* 60 *et seq.*).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Spiridione Zammit** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-8 ta' April 2013 (*a fol.* 78) fejn

ezebixxa sentenza li giet immarkata bhala Dok. "SZ 8" (*a fol.* 79 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2012, xehed ukoll **John Abdilla** (*a fol.* 31 *et seq.*) fejn ghazel li jixhed minkejja li l-Qorti wissietu li bid-depozizzjoni tieghu setgha jinkrimina ruhu (*a fol.* 4). Jghid li dakinhar tal-akkadut ghal xi 6.00pm-6.30pm kien qed isuq xarabank tas-socjeta' ARRIVA u li kien ghaddej mir-Rahal Gdid u waqaf inizzel lin-nies. Jghid li waqaf fil-*bus stop* li hemm fejn l-Ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid. Jghid li kif kien ghaddej, harget vettura minn fuq ix-xellug, liema vettura kienet ipparkjata. Jghid li biex jevitaha, hu (Abdilla) qala' l-barra u gew vicin xulxin. Jghid: *"beda jdoqq il-horn u jien bqajt sejjer bil-mod il-mod kemm ma nmissux. Bqajt sejjer beda jdoqq il-horn warajja u jiena vera, imbaghad x'hin dan, ghamiltlu mossa b'idejja [b'subajgh] ghax baqa' jdoqq il-horn"* (*a fol.* 32). Jghid li hu (Abdilla) baqa' sejjer u waqaf fuq l-is*tage* Grasso biex inizzel lin-nies u l-imputat mar magenbu u beda jkellmu hazin. Jghid li l-vettura tal-imputat kienet Escort ta' kulur *maroon*. Jghid: *"Beda jitkellem baxx, beda jghidli hemm dahhlu hawn subghajk, u jien ghidtlu orrajt ghandek ragun, orrajt tista' tmur u rajtu rrabjat, jien inzilt biex nipprova nikkalmah u bdejt nghidlu mur qieghed bil-familja, insomma, nizel, beda jkellimni hazin insomma"* (*a fol.* 33). Jghid li l-imputat beda joffendieh u anke hu (Abdilla) offendieh lura. Jghid li l-imputat ghamel mossa b'idu u hu (Abdilla) zammu. Jghid li hu (Abdilla) ma tax daqqiet lill-imputat u anqas l-imputat ma tah. Jghid: *"Imbaghad hu gheleb qisu 'l hawn, bdejt inzommu, firduna, jien tlajt fix-xarabank u hu baqa' barra. Beda jipprova jitla fix-xarabank u ma hallewhx. Qala' l-wiper u ta' daqqa biha"* (*a fol.* 34). Jghid li l-imputat ta daqqa fil-*windscreen* tax-xarabank. Jghid li kien hemm in-nies izommuhom.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li hemm proceduri kriminali kontra tieghu stess u li ma kienx ghad hemm problemi bejnu u bejn l-

imputat. Jghid li bejniethom m'hemmx glied. Jghid: *"Ma ghandi xejn kontrih u ghandi nhoss li anqas hu ma ghandu jkollu xejn kontrija"* (*a fol.* 34).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2012, xehed **Dr. George Hyzler** (*company secretary* tas-socjeta' ARRIVA – *a fol.* 38) fejn ezebixxa u kkonferma stima li giet immarkata bhala Dok. "GH 1" (*a fol.* 40). Jghid li din l-istima tirreferi ghall-hsara li saret fid-19 ta' Novembru 2011 fuq il-*windscreen* ta' xarabank partikolari. Jghid li l-ammont bit-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huwa dak ta' €2259.70. Wara li ra Dok. "SZ 3" (*a fol.* 24), spjega li l-istima finali hija dik li ezebixxa u li giet immarkata bhala Dok. "GH 1" (*a fol.* 40). Jghid li m'huwiex informat jekk dan l-ammont giex imhallas jew le.

**Dr. George Hyzler** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-8 ta' April 2013 (*a fol.* 76) fejn spjega li ma sar l-ebda pagament akkont tal-hsara in kwistjoni.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2012, xehdet ukoll **WPS 167 Justine Grech** (*a fol.* 41 *et seq.*) rigward l-okkorrenza redatta minnha, liema okkorrenza giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "CG 1" (*a fol.* 43 *et seq.*). Tghid li meta marret fuq il-post tal-akkadut sabet lill-parti leza li qalilha li kien hebb xi hadd ghalih u li kienu ghamlulu l-hsara fix-xarabank. Tixhed li hekk kif marret l-Ghassa tal-Pulizija sabet lill-imputat li qalilha li ried jaghmel rapport peress li kellu xi jghid ma' xufier tal-ARRIVA. Tghid li l-imputat qalilha, fost l-ohrajn, li kien nizel mill-vettura, qabad il-*wiper* u ta daqqa gol-*windscreen.* Mistoqsija tghid jekk l-imputat qalilhiex ghala kien ghamel hekk, wiegbet: *"Ghax ra lix-xufier tiela' fuq tal-linja, haseb li ser igib xi haga u ghamel dik l-azzjoni"* (*a fol.* 42).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **Stephen Cachia** (rapprezentant ta' Transport Malta – *a fol.* 46) fejn qal li fid-19 ta' Settembru 2011 il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AND 700 kienet registrata fuq l-imputat. Jghid li minn ricerka li ghamel f'dik il-gurnata partikolari l-imputat kellu l-licenzja tas-sewqan valida. Ezebixxa d-dokumentazzjoni li xehed fuqha li giet immarkata bhala Dok. "SC 1" (*a fol.* 47 *et seq*).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2012, xehdet **Wendy Gauci** (*a fol.* 69 *et seq.*) fejn ghazlet li tixhed minkejja li l-Qorti wissietha li bid-depozizzjoni taghha setghet tinkrimina ruhha (*a fol.* 69). Tghid li dakinhar tal-akkadut kellha t-tifel ma jiflahx u kellha tnizzlu l-*polyclinic* u x'hin marru lura ghall-vettura kien hemm il-parti leza u rasshom bix-xarabank. Tghid li mbaghad saqu. Tghid li hekk kif waslu hdejn il-kumpless Gallarija, il-parti leza rega' rasshom tant li ma setghux jghaddu. Tghid li l-parti leza nizel mix-xarabank u hi nizlet biex tghidlu li kellha t-tifel u li kien hemm tarbija u hu mbuttaha. Tghid li l-imputat, li jigi l-gharus taghha, mbaghad nizel ghall-parti leza. Tispjega li l-imputat nizel ghall-parti leza wara li l-parti leza mbuttaha mal-vettura. Mistoqsija x'ghamel l-imputat meta nizel mill-vettura, wiegbet: *"Qallu hemm it-tfajla, omm it-tifel, qallu hekk, u ggieldu umbaghad. Insejt ezatt x'gara. Naf li kellhom xi jghidu"* (*a fol.* 70). Tghid li l-parti leza u l-imputat iggieldu. Tghid li bdew jghajjtu. Mistoqsija tghid jekk tawx bl-idejn, wiegbet li ma tafx. Pero mbaghad tghid: *"Ghandi jkun, ma nafx ezatt, insejt"* (*a fol.* 70). Tghid li huma telqu l-ewwel minn fuq il-post u marru l-Ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2014, xehed l-imputat **Mark Lawrence Rizzo** (*a fol.* 117 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut kien ghaddej gej minn naha tal-*polyclinic* f'Rahal Gdid u kien mal-eks siehba tieghu Wendy Gauci. Jghid li maghhom kien hemm tifel ta' disa' xhur riekeb fil-*car seat*. Jghid li f'hin minnhom

waqt li kien qieghed fil-vettura, kienet tiela' xarabank tas-socjeta' ARRIVA liema xarabank rassitu man-naha tal-bankina tar-*roundabout* li taghti lejn in-naha tal-pjazza l-kbira f'Rahal Gdid u x-xufier tax-xarabank (il-parti leza) beda jaqtaghlu jdejh. Jghid li hu (Rizzo) daqqlu l-*horn,* hu (Rizzo) ma tax kazu u kif appena gie biex jaqbzu aktar il-fuq fl-istess triq, il-parti leza rega' rassu b'tali mod li gew bejn is-*central strip* u x-xarabank waqfet fuq l-is*tage* u hu (Rizzo) ma setghax jghaddi. Jghid li l-parti leza nizel minn gox-xarabank, halla n-nies go fiha, harget is-siehba tieghu (ta' Rizzo) biex tghidlu li kien hemm tarbija fil-vettura u biex ma jkompliex jissikahom. Jghid li l-parti leza mbuttaha ghal darba, tnejn, tlieta mal-vettura tieghu (ta' Rizzo) u nizel hu (Rizzo) biex jiddefendi lis-siehba tieghu. Jghid li mar u gibed lill-parti leza mill-qmis lejh biex ma jhalliehx iggranfat ma' omm it-tifel ghax kellu lit-tifel wahdu bil-vettura. Jghid li spiccaw gew fl-idejn. Jixhed: *"Ma kienx hemm xi affarijiet ta' barra minn hawn, hu mbuttani, jien imbuttajtu u ferquna n-nies"* (*a fol.* 117). Jghid: *"Appena dahalli jigri got-trakk tal-linja u jien wehilt mal-wiper mill-gakketta tat-tracksuit u ma stajtx ninqala'. Jien dahhalt f'mohhi li dan ha jsuq bija b'kollox. Gbidt il-barra u qaccat il-wiper, tqacctet il-wiper"* (*a fol.* 117). Jghid li l-parti leza rega' nizel u rah gej fid-direzzjoni tieghu (ta' Rizzo) b'rabja kbira. Jghid li haseb li l-parti leza mar igib xi haga mix-xarbank. Jixhed: *"Jien appena kif tqacctet il-wiper, kienet ghadha f'idejja u ma nafx f'liema direzzjoni tfajtha lura u kif nista' nifhem intlaqtet il-hgiega tat-trakk tal-linja"* (*a fol.* 118). Jghid li mar jigri fil-vettura u mar l-Ghassa tal-Pulizija jaghmel rapport. Jghid li hu (Rizzo) mar jaghmet ir-rapport l-ewwel.

In kontro-ezami jaqbel li l-*wiper* li ghamel riferenza ghaliha fid-depozizzjoni tieghu hija l-*wiper* tax-xarabank. Jghid li din wehlitlu mal-gakketta. Jghid li kienu qeghdin mal-faccatta tal-quddiem tax-xarabank li huma baxxi hafna u l-gakketta tat-*tracksuit*, peress li kienet miftuha, wehlitlu mal-parti kbira, hu gibidha lura u qaccattha. Jichad li ta bil-*wiper* fuq il-*windscreen*. Jghid li garaha u

li hgieg mal-art ma kienx hemm. Jichad li f'xi hin ghalaq it-triq ghax-xarabank. Jghid li l-parti leza rassu darbtejn u li kien hu (il-parti leza) li nizel u mhux hu (Rizzo) li hareg mill-vettura. Mistoqsi jghid ghala fl-istqarrija rilaxxata minnu huwa qal li qaccat il-*wiper*, jghid: *"Jghid kont imwahhal"* (*a fol.* 119). Jichad li gibed il-*wiper* ghal tal-apposta. Jghid li meta xarabank ma tkunx gholja meta tkun baxxuta biex tnizzel lin-nies.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "SZ 1" – *a fol.* 20 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt, meta l-imputat gie mitlub jispjega x'gara, huwa jghid: *"Kont ghaddej minn quddiem l-Ghassa ta' Rahal Gdid minn naha tal-polyclinic biex immur ghal Fgura u ghadda xarabank minn quddiem l-Ghassa u rassni tefa' ghal go fija u kelli mmur wrong side biex ma jolqotniex. Hareg subghajh mit-tieqa u offendieni ghal kemm il-darba bi kliem pastaz u bla manjieri. Ix-xarabank kienet mimlija passiggieri. Jien spiccajt insuq wara x-xarabank u kif wasal ix-xarabank fejn Piscopo waqaf fuq l-istage u nizlu xi passiggieri, jien qlajt minn warajh u hu saq u ghalaqli t-triq fejn ir-roundabout ta' quddiem il-kumpless tal-Gallarija u rega' qatalghli subghajh, kellmitu t-tfajla tieghi u waqqaf ix-xarbaank u nizel minn fuqu. It-tfajla nizlet mill-karrozza u biex tipprova tkellmu u mbuttahha u mbaghad jien hrigt mill-karrozza u gejna fl-idejn, qabadni minn ghonqi u qbadt mieghu u spiccajna t-tnejn fl-art u ngabru in-nies sgicca, dahal jigri ft-trakk u jien hsibt li tela' jgib xi haga biex itini biha, qomt minn mal-art u kif tajt is-salt biex immur fejn jirkbu n-nies, qabditli l-wiper mat-tracksuit qbaddtha b'idejja u qaccattha u waddabtha fuq il-windscreen. Irkibt fil-karrozza, rikbet it-tfajla mieghi u peress li ibni beda jibki dawwart u mort naghmel rapport Rahal Gdid. Jiena lest li nhallasha l-hgiega"* (*a fol.* 20). Mistoqi jghid jekk hux minnu li baqa' jsuq wara x-xarabank minn fejn l-Ghassa tal-Pulizija sa fejn hemm

Piscopo, wiegeb: *"Dik kienet triqti lejn id-dar"* (*a fol.* 20 *tergo*). Jichad li kien hu li ghalaq it-triq. Jghid: *"hu ghalaq it-triq fejn Piscopo u nizel minn tal-linja, l-aktar li nfxilt meta mbuttali t-tfajla tieghi"* (*a fol.* 20 *tergo*). Jghid li kellu grif f'ghonqu u tkaxkier ma' rkupptejh. Mistoqsi jghid jekk il-parti leza sofriex xi griehi, wiegeb: *"Ma nafx pero jien ma sawwattux qbadtu minn saqajh u gejna fuq xulxin. Kien hemm xi nies gibduni biex nitilqu u harabli ghal fuq ix-xarabank"* (*a fol.* 20 *tergo*). Mistoqsi jghid jekk hu waddabx ghal tal-apposta l-*wiper* fuq il-hgieg, wiegeb: *"Dak il-hin ma bdejtx nara kont mifxul qbadt il-wiper u waddabtha u giet fid-direzzjoni tal-hgiega ma kellix intenzjoni li nkisser il-hgiega"* (*a fol.* 20 *tergo*). Mistoqsi jghid ukoll jekk qaccatx il-*wiper* ghal tal-apposta, wiegeb: *"Iva gbittha mieghi wara li wehilt maghha"* (*a fol.* 20 *tergo*). Jghid li lest li jhallas il-hsara li kkaguna fil-*windscreen* u fil-*wiper*.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'diversi imputazzjonijiet li allegatament wettaq dakinhar tad-19 ta' Novembru 2011 meta huwa kien qed isuq il-vettura tieghu, f'liema vettura kien hemm is-siehba tieghu ta' dak iz-zmien u t-tifel taghhom, liema imputat u l-parti leza, li kien qed isuq xarabank, kellhom argument bejniethom.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Hsara Volontarja)</u>**:

Illi taht l-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li ghamel hsara volontarja fuq ix-xarabank proprjeta' tas-socjeta' ARRIVA. Jirrizulta li din ix-xarabank in kwistjoni garrbet hsarat li jammontaw ghal €2259.70 (Dok. "GH 1" - *a fol.* 40). Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti jirrizultalha s-segwenti:

- John Abdilla (*a fol.* 34) jghid li wara li hu tela' fix-xarabank, l-imputat prova jitla' warajh pero ma thalliex jaghmel hekk u l-imputat qala' l-*wiper* u ta' daqqa biha fil-*windscreen* tax-xarabank.

- Fl-okkorrenza redatta minnha (Dok. "CG 1" – *a fol.* 43 *et seq.*), WPS 167 Justine Grech tghid li l-imputat qalilha li ra lil Abdilla jitla' fuq ix-xarabank biex igib xi haga u hu (l-imputat) qaccat il-*wiper* u ta daqqa gol-*windscreen*.

- Da parte tieghu, l-imputat, meta xehed quddiem il-Qorti (*a fol.* 117 *et seq.*) qal li hekk kif Abdilla dahal gox-xarabank, hu (l-imputat) wehel mal-*wiper* mill-gakketta tat-*tracksuit* u ma setghax jinqala' u peress li haseb li Abdilla kien ser isuq bih, gibed il-barra u qaccat il-*wiper*. Jghid: *"Jien appena kif tqacctet il-wiper, kienet ghadha f'idejja u ma nafx f'liema direzzjoni tfajtha lura u kif nista' nifhem intlaqtet il-hgiega tat-trakk tal-linja"* (*a fol.* 118). Jichad li gibed il-*wiper* ghal tal-apposta u li ta bil-*wiper* fuq il-*windscreen*.

- Fl-istqarrija (Dok. "SZ 1" – *a fol.* 20 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Ufficjal Prosekutur, l-imputat jghid: *"Dak il-hin ma bdejtx nara kont mifxul qbadt il-wiper u waddabtha u giet fid-direzzjoni tal-hgiega ma kellix intenzjoni li nkisser il-hgiega"* (*a fol.* 20 *tergo*). Fl-istqarrija jghid li hu lest li jhallas il-hsara li kkaguna fil-*windscreen* u fil-*wiper*.

Mehud in konsiderazzjoni dak li gie riprodott hawn fuq, il-Qorti, minghajr tlaqlieq ta' xejn, tinnota li l-verzjoni moghtija mill-imputat li l-*wiper* tax-xarabank wehlitlu mal-gakketta li kien liebes hija inverosimili ghall-ahhar. Il-Qorti ma tistax tifhem kif jista' jkun li *wiper* li tkun mal-*windscreen* tista' b'xi mod tehel ma' gakketta sakemm din il-*wiper* ma tkunx maqlugha l-barra jew sakemm persuna ma tintefax fuq il-*windscreen* u ticcaqlaq b'tali mod li l-*wiper* tehel mal-gakketta. Apparti minn dan, kieku l-Qorti kellha tiskarta dak li qalu Abdilla u l-imputat, xorta tibqa' l-okkorrenza redatta

minn WPS 167 Grech, fejn Grech tikteb li l-imputat qalilha li hu kien qaccat il-*wiper* u ta' daqqa fil-*windscreen.*

Tenut kont ta' dan kollu, u tenut kont tal-fatt li saret il-prova necessarja minn Dr. George Hyzler (rapprezentant tas-socjeta' ARRIVA) dwar id-danni kagunati fix-xarabank, il-Qorti ma ghandu jibqghalha l-ebda dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**

**(Sewqan b'manjiera Bla Kont u Traskurata)**:

Illi ma jirrizulta xejn mill-atti processwali li l-imputat kien qed isuq b'manjiera bla kont u traskurata u b'hekk l-imputat m'huwiex ser jinstab hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk ser jigi liberat minnha.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni**

**(Ingurji jew Theddid)**:

Illi, bhat-tieni (2) imputazzjoni, anqas it-tielet (3) imputazzjoni ma tirrizulta mill-atti processwali u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha wkoll.

**Ir-Raba' (4) Imputazzjoni**

**(Ksur ta' Bon-Ordni jew il-Kwiet Pubbliku)**:

Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. M'hemmx dubju li

dan jirrizulta fil-kaz odjern. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi misjub hati ta' din l-imputazzjoni.

**Il-Hames (5) Imputazzjoni**

**(Hebb)**:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat effettivament hebb ghal Abdilla u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati ta' din l-imputazzjoni.

**Is-Sitt (6) Imputazzjoni**

**(Ksur ta' Kundizzjoni/ijiet tal-Liberta' Provizorja)**:

Illi taht is-sitt (6) imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat li kiser kundizzjoni/ijiet tal-liberta' provizorja. Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghall-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati fit-18 ta' Awwissu 2009 (Dok. "SZ 5"- *a fol.* 26), f'dan li l-imputat ma ghandux jikkommetti delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest. Il-Qorti tibda billi tinnota li Dok. "SZ 5" (*a fol.* 26) huwa semplicement fotokopja u ma jirrizultax li huwa vera fotokopja tal-original. Il-Qorti tinnota wkoll li minkejja l-isem tal-imputat fuq id-digriet in kwisjtoni huwa dak ta' "Mark Lawrence Rizzo" pero fil-kawza odjerna ma giex prodott l-Ufficjal Prosekutur fil-kawza li fiha l-imputat in kwistjoni nghata l-liberta' provizorja, cioé l-iSpettur Keith Arnaud, u dana sabiex jidentifika lill-imputat bhala l-persuna li fil-konfront tieghu jirrigwardaw il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja in kwistjoni. Ma jirrizulta minn imkien fl-atti processwali li d-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq lil dan ix-xhud u ghaldaqstant, tenut kont tal-fatt li ma giex sodisfacentement pruvat li l-kondizzjonijiet tal-liberta' provizorja in kwistjoni kienu gew moghtija lill-imputat fil-kawza odjerna, ma jirrizultax li s-sitt

(6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**Is-Seba' (7) Imputazzjoni**

**(Recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:

Illi, taht is-seba' (7) imputazzjoni, il-Qorti hija mitluba li titratta mal-imputat bhala recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni ezebiet tliet sentenzi: wahda moghtija fit-8 ta' Marzu 2007 (Dok. "SZ 8" – *a fol.* 60 *et seq.*), ohra moghtija fil-11 ta' Gunju 2007 (Dok. "SZ 8" – *a fol.* 79 *et seq.*), u ohra moghtija fis-27 ta' Frar 2008 (Dok. "SZ 9" – *a fol.* 62 *et seq.*). Filwaqt li l-fotokopji ezebiti tas-sentenzi moghtija fil-11 ta' Gunju 2007 (Dok. "SZ 8" – *a fol.* 79 *et seq.*) u fis-27 ta' Frar 2008 (Dok. "SZ 9" – *a fol.* 62 *et seq.*) huma vera kopji tal-original, mhux l-istess jista' jinghad ghall-fotokopja tas-sentenza moghtija fit-8 ta' Marzu 2007 (Dok. "SZ 8" – *a fol.* 60 *et seq.*), fuq liema kopja, minkejja li hemm it-timbru li din il-kopja hija vera kopja tal-original, m'hemmx il-firma tad-Deputat Registratur fit-timbru, u l-firma l-ohra li hemm tidher li tinsab fuq fotokopja ta' kopja. Ghaldaqstant, il-Qorti mhux ser tiehu in konsiderazzjoni tas-sentenza moghtija fit-8 ta' Marzu 2007 (Dok. "SZ 8" – *a fol.* 60 *et seq.*). Il-Qorti mhijiex ser tikkunsidra anqas is-sentenza moghtija fis-27 ta' Frar 2008 (Dok. "SZ 9" – *a fol.* 62 *et seq.*) *stante* li f'din is-sentenza ma jirrizultawx il-konnotati tal-persuna li fil-konfront taghha nghatat is-sentenza u anqas ma gie mressaq l-Ufficjal Prosekutur fil-kawza in kwistjoni biex possibbilment jidentifika li l-imputat fil-kawza in kwistjoni huwa l-istess imputat fil-kawza odjerna. Jonqos biss is-sentenza moghtija fil-11 ta' Gunju 2007 (Dok. "SZ 8" – *a fol.* 79 *et seq.*) f'liema sentenza hemm il-konnotati tal-persuna li fil-konfront taghha nghatat is-sentenza in kwistjoni, liema konnotati, ghajr ghar-residenza tal-imputat, huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna. B'hekk il-Qorti ma

ghandu jkollha ebda dubju li s-sentenza in kwistjoni nghatat fil-konfront tal-imputat fil-kawza odjerna. Isegwi ghalhekk li jirrizulta li s-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi kkunsidrat li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss l-ewwel (1), ir-raba' (4), il-hames (5) u seba' (7) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat (Dok "SZ 9" - *a fol.* 6 *et seq.*) minn liema jirrizulta li l-imputat kiser difrjegh mal-ligi diversi drabi, in-natura tar-reati addebitati lilu u li gew pruvati, u kif ukoll il-fatt li l-imputat huwa recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In vista ta' dan kollu, u b'mod specjali minhabba l-fatt li l-imputat huwa recidiv *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti sejra timponi terminu ta' prigunerija effettiv fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), u tas-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Artikoli 49, 50, 325(1)(a), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Mark Lawrence Rizzo hati ta' l-ewwel (1), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tas-seba' (7) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u

tikkundannah ghal perjodu ta' wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jigi revokat *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 18 t'Awwissu 2009 u t-talbiet l-ohra taghha relatati ma' din it-talba u dana *stante* li l-imputat gie liberat mis-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Finalment, tenut kont tal-fatt li, fil-kontro-ezami tieghu, il-parti leza Abdilla qal li ma kienx ghad hemm problemi bejnu u l-imputat, il-Qorti ma tarax valida ghala ghandha tipprovdi ghas-sigurta' tieghu kif mitlub mill-Prosekuzzjoni u b'hekk il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni f'dan is-sens.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------